# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1099

KAZ NRU. 1297

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joseph Micallef

u

Stivala Distributors Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 20 ta' Marzu, 2000

**Chairman : Is-sur Carmel Debono**

## 1. Introduzzjoni

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Ministru ghall-Politika Socjali datata 17 ta' Dicembru, 1998 Ref. MSP/TI/88/98 biex tigi processata skond l-Artiklu 28(2) tal-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali Kap. 266.

It-Tribunal zamm sbatax (17)-il seduta.

Ghall-Stivala Distributors Ltd li min issa tidher bhala l-"kumpanija" kienet rapprezentata mis-sur Alex Borg Cardona assistit mill-avukat Vincent Galea, waqt li s-sur Joseph

Micallef, li minn issa jidher bhala l-"appellant" kien assistit mill-avukat Noel Camilleri.

## 2. **Preliminari**

Fit-tieni seduta l-kumpanija kkontendiet li l-oneru tal-prova kellu jkun ta' l-appellant.

It-Tribunal irrespinga t-talba tal-kumpanija bid-Digriet tieghu datat 17 ta' Frar, 1999 billi spjega li l-prattika passata procedurali kienet li l-oneru tal-prova fil-kaz ta' tkeccija kien tal-parti appellata.

## 3. **Xhieda**

Tul is-smigh tal-kaz xehdu s-segwenti persuni :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-sur Alex Borg Cardona | - | Direttur |
| Is-sur Jason Farrugia | - | ex-impjegat |
| Is-sur Chris Borg Cardona | - | Manager |
| Is-sur Joseph Micallef | - | l-appellant |
| Is-sur Joe Aquilina | - | ex-Direttur |
| Is-sinjura Tereza Micallef | - | mart l-appellant |
| Is-sur Marco Borg | - | ex-impjegat |
| Is-sur Victor Attard | - | impjegat |
| Is-sur John Micallef | - | hu l-appellant |

## 4. **Dokumenti**

Gew ipprezentati numru ta' dokumenti tul is-smigh tal-kaz.

(a) Fotokopja ta' Affidavit ta' Jason Farrugia datat 25 t'Awissu 1998.

(b) Fotokopja ta' Affidavit ta' Chris Borg Cardona datat 13 t'Ottubru, 1998.

(c) Kopja tal-Memorandum of Articles of Association tal-kumpanija.

(d) Kopja tat-Temm ta' l-Impjieg tal-appellant.

(e) Kopja tar-"record" tal-Impjieg tal-appellant.

(f) Kopja "acknowledgement" tal-E.T.C. dwar il-Formola ta' tmiem l-impjieg tal-appellant.

(g) Fotokopja tal-Formola tal-E.T.C. Dikjarazzjoni ta' tmiem ta' Impjieg dwar l-appellant datata 21 t'Awissu, 1998.

(h) Fotokopja ta' Affidavit ta' Victor Attard datat l-1 ta' Settembru, 1998.

(i) Fotokopja ta' Affidavit ta' Marco Borg datat 25 t'Awissu, 1998.

5. **L-istorja**

L-appellant safa' mkecci fil-21 t'Awissu, 1998 mill-kumpanija wara li kien irrapurtat mid-delivery man u driver Jason Farrugia li ta' l-ahhar kien gie mqabbad mill-appellant jghabbi zewg (2) kegs ta' draught Pepsi Cola fit-18 ta' l-istess xahar biex dawn jinbieghu barra u jaqsmu d-dhul bejniethom.

Iz-zewg kegs kienu stmati li jiswew Lm40 kull wahda.

Skond id-deliveryman Farrugia huwa messitu l-kuxjenza u wara li qal b'kollox lill-Manager meta rritorna u talbu biex ma jikxfux, dahhal lura z-zewg "kegs".

L-appellant u d-deliveryman gew sospizi mix-xoghol l-ghada u mghajta quddiem il-Manager bid-deliveryman jammetti u l-appellant jinnega.

Bhala rizultat il-kumpanija kecciet lill-appellant u zammet fl-impjieg lid-deliveryman. L-appellant kien gie mpjegat fit-

23 t'Ottubru, 1993 u nkarigat bhala "Foreman" ftit qabel l-incident tat-18 t'Awissu, 1998, bid-dover li jiccekkja l-hrug tal-birra u minerali mill-bitha ta' l-istabbiliment tal-kumpanija.

Meta spicca mill-impjieg l-appellant kellu salarju ta' Lm70.25 fil-gimgha.

**Osservazzjonijiet**

Il-kaz quddiem it-Tribunal jirrigwarda tkeccija allegata ngusta dwar allegat serq mill-kumpanija. Il-persuna mkeccija tidher li kellha l-kariga responsabbli ta' "Foreman" li kien inkarigat jiccekkja l-hrug ta' birer u minerali. Jidher li hafna mix-xhieda moghtija hija rrilevanti, waqt li xhieda ohra kienet kontroversarja.

Li hu cert minghajr ekwivoku, hu li l-appellant safa' mkecci fl-20 t'Awissu, 1998 skond ic-certifikat ta' Temm ta' l-Impjieg, iffirmat mill-kumpanija izda mhux iffirmat mill-appellant, bir-raguni ghat-temm ta' l-impjieg mhollija vojta.

Fis-sostanza, almenu skond ma tallega l-kumpanija, l-appellant kien involut ma' mpjegat iehor (driver/deliveryman) fil-hrug illegali ta' zewg kegs ta' draught Pepsi Cola. Jirrizulta, dejjem skond il-kumpanija, li dan sar mgharuf lill-kumpanija mid-driver/deliveryman stess li kien komplici, serq li l-appellant qatt m'ammetta. Gew prezentati diversi affidavits lit-Tribunal li gew konfermati bil-gurament mix-xhieda li ghamluhom u li dawk li ghamluhom gew ezaminati *viva voce* fix-xhieda taghhom mill-partijiet u mit-Tribunal.

It-Tribunal josserva li xi whud jew partijiet minn dawn l-affidavits ma kienux konnessi mal-allegat serq tat-18 t'Awissu, 1998, izda jitfghu dawl mal-konnessjoni li wiehed

mid-Diretturi, certu Joe Aquilina kellu ma' numru ta' mpjegati, li kienu jinkludu lill-appellant, fuq dak li gara fit-13 ta' l-istess xahar meta gew mghotija l-ordni minn Joe Aquilina biex l-ghada cioe' l-14 ma jirraportawx ghax-xoghol. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar dan l-avveniment ghalkemm m'ghandux konnessjoni diretta mal-allegat serq mill-appellant fit-18 t'Awissu, 1998 izda skond l-istess appellant saret referenza lilu ndiretta mid-Direttur Alex Borg Cardona meta gie terminat l-impjieg tieghu.

L-ex direttur J. Aquilina ma kienx prezenti ghax-xoghol wara l-15 t'Awissu u ma dahal qatt ghall-dmirijietu wara din id-data sakemm irrizenja xahrejn wara. L-iskop ta' dawn l-osservazzjonijiet hu biex juri kemm il-kaz quddiemu huwa wiehed komplikat bil-kumpanija tinsisti li kellha raguni tajba u bl-appellant jinnega kategorikament l-allegat serq taz-zewg kegs ta' draught Pepsi Cola li allegatament hargu mill-bitha tal-kumpanija bl-iskop li jinbieghu u d-dhul jinqasmu bejn l-appellant u t-truck driver.

Iz-zewg kegs gew stmati mill-kumpanija li jiswew Lm40 kull wiehed, li skond il-verzjoni tat-truck driver Jason Farrugia wara li missietu l-kuxjenza dahhalhom lura u biex ma jurix lill-appellant li kien gharraf b'kollox lill-kumpanija newwel lill-appellant Lm30, li gew irrestitwiti lill-Farrugia mill-Manager Chris Borg Cardona.

It-Tribunal josserva li d-driver ma weriex il-kegs lill-Manager meta dahhalhom lura meta gie mistoqsi mit-Tribunal u l-istess Manager jammetti li ma gewx murija lilu meta d-driver qal li kien dahhalhom.

It-Tribunal irid jirrileva li waqt li z-zewg protagonisti sospizi mix-xoghol l-ghada, cioe' id-19 t'Awissu u konfrontati quddiem il-Manager Chris Borg Cardona, b'wiehed (id-driver)

jammetti l-komplicita' u l-iehor, l-appellant jinnega, il-kumpanija ddecidiet li tittermina l-impjieg tal-appellant.

It-Tribunal josserva li meta sussegwentement l-appellant tkellem mas-sur Alex Borg Cardona, Direttur, dwar ir-raguni ghat-temm tal-impjieg tieghu sar suggeriment biex l-appellant jirrizenja, l-appellant talab 5 gimghat salarju, talba li ma gietx accettata.

F'dan ir-rigward jidher li din ma gietx innegata jew kontestata mill-appellant.

It-Tribunal sema' wkoll kif allegatament is-sur Chris Borg Cardona kien jissemma waqt telefonata li saret mill-appellant lill-Jason Farrugia (id-driver) fuq il-mobile phone ta' l-ahhar fil-karozza ta' Farrugia, fejn skond ix-xhieda ta' Borg Cardona u Farrugia, Micallef allegatament qal lill-Farrugia li l-kumpanija ma kellhiex provi li kkommettew l-allegat serq.

It-Tribunal jazzarda biss jistaqsi ghal liema raguni kellu Chris Borg Cardona jkun fil-karozza privata ta' Jason Farrugia meta cempel l-appellant u x'kien id-diskors ezatt?

It-Tribunal huwa ferm perpless kif gie accettat it-taghrif ta' Jason Farrugia minghajr investigazzjoni ezawrenti u kif u ghal liema raguni plawsibbli Chris Borg Cardona, il-Manager responsabbli accetta li jirrifondi t-tletin lira Maltin lil Farrugia li qal li kien ta lill-appellant.

Barra minhekk lanqas ma gie spjegat il-ghala Farrugia naqas li juri lill-Manager iz-zewg kegs qabel ma baqa' diehel fil-bitha tal-kumpanija l-ghada li kienu nhargu.

It-Tribunal ghandu r-rizervi tieghu dwar il-verzjoni tat-telefonata bejn l-appellant u Farrugia li semaghha Chris Borg Cardona, meta Farrugia huwa l-persuna komplici li nfurmat

lill-Manager Chris Borg Cardona u meta Chris Borg Cardona kien il-persuna li tterminat l-impjieg ta' l-appellant irrispettivament jekk id-decizjoni tieghu kienet bhala rizultat tal-parir tad-Direttur/i.

Madankollu t-Tribunal iqis ix-xhieda tas-sur Alex Borg Cardona l-aktar rilevanti dwar ir-raguni li ghaliha gie tterminat l-impjieg ta' l-appellant.

Ghandu jizdied maghha l-probabbilita' li l-kumpanija, u din probabbli kienet raguni akbar mill-attwali allegat serq, tilfet il-fiducja fl-appellant li kien ghal kull fini poggietu f'pozizzjoni ta' responsabbilta' meta vertwalment spicca s-sur Aquilina ftit granet qabel.

Ma hux il-kompitu ta' dan it-Tribunal jaghti gudizzju jekk l-appellant kienx verament hati ta' l-akkuza ta' allegat serq; l-osservazzjonijiet tat-Tribunal qeghdin isiru biex jghinuh jevalwa jekk it-terminazzjoni tal-impjieg ta' l-appellant kinitx ghal raguni valida.

Ma hemmx dubju fil-fehma meqjusa tat-Tribunal li c-cirkostanzi kif spjegati waqt il-proceduri juru nuqqas ta' amministrazzjoni serja kif ghandhom ikunu kkontrollati l-impjegati u processati dwar rapporti ta' nuqqasijiet, ikluzi attentati ta' serq.

Finalment it-Tribunal irid ifakkar lill-partijiet li waqt li hu minnu li l-oneru tal-prova biex jigi ppruvat ghas-sodisfazzjoni tat-Tribunal li  l-impjieg tal-appellant gie tterminat ghal raguni valida skond il-Ligi, huwa tal-parti appellata cioe' f'dan il-kaz il-kumpanija, daqstant huwa veru li l-appellant ghandu l-oneru li jiddefendi l-kaz tieghu bi provi sufficcjenti.

F'dan ir-rigward it-Tribunal irid jirrileva li ghalkemm il-provi tal-kumpanija m'huwiex fil-gudizzju tat-Tribunal kompletament konvincenti, jidher izda li l-appellant naqas li jiehu dawk il-passi mehtiega biex jikklerja ismu wara li sar konxju li l-allegata akkuza ta' serq kienet originata inizzjalment mir-rapport tal-impjegat kollega tieghu it-truck driver/deliveryman.

Il-fatt li l-appellant ma setax ikun jaf b'dan meta tkecca huwa accettat ghar-raguni li min ghamel ir-rapport talab u gie mistur izda zgur li l-appellant sar jaf sussegwentement kif gie rrapurtat u xorta ma ha l-ebda pass biex jiggustifika lilu nnifsu minn rapport li fil-fehma tieghu kien immalafamah u kkagunalu t-telfien ta' l-impjieg tieghu.

**Decizjoni**

Wara li t-Tribunal Industrijali,

ra u kkunsidra l-istatements of case tal-partijiet,
sema' u evalwa x-xhieda prodotti,

ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti,

sema' u kkunsidra t-trattazzjoni tal-partijiet,

ikkunsidra s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet,

fil-fehma meqjusa tieghu ma jarax li hemm ghalfejn jippronunzja ruhhu dwar l-allegata akkuza kontra l-appellant aktar minn dak kontenut fil-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal citati hawn fuq.

Tenut kont izda l-fatti u c-cirkostanzi kollha nkluza dik li l-appellant kien bhala "Foreman" responsabbli li jissorvelja

l-hrug tal-prodotti tal-kumpanija mill-bitha ta' l-istabbiliment, it-Tribunal isib li fic-cirkostanzi l-impjieg ta' l-appellant mal-kumpanija Stivala Distributors Ltd ma baqax sostenibbli.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tieghu, it-Tribunal jiddeciedi li ma jilqax it-talba ta' l-appellant Joseph Micallef li tkecca ngustament.

It-Tribunal jiffissa l-hlas li ghandu jsir liz-zewg difensuri fis-somma ta' Erbghin Liri Maltin (Lm40) lil kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

------------------
**Carmel Debono**
**CHAIRMAN**

---------------
**Edwin Spiteri**
**A/SEGRETARJU**